MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta ta' l-10 ta' Settembru, 2009

Rikors Numru. 862/2004

Fl-atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandati ta' Sekwestru Numri 2307/99 u 367/01, għall-Mandat ta' Qbid numru 2308/99 u għall-Mandati ta' Inibizzjoni numri 901/02 u 2095/03 fl-ismijiet:

Paul **CARUANA**

vs

Rudolphe **GAERTY**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fl-10 ta’ Novembru, 2004, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-eżekutat Rudolphe Gaerty talab li din il-Qorti (a) tħassar *contrario imperio* l-Mandati kawtelatorji fuq imsemmija maħruġin kontrih minn Paul Caruana (aktar ’il quddiem imsejjaħ “l-eżekutant”) u dan għall-finijiet tal-artikoli 836(1)(ċ), (e) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta ladarba l-pretensjonijiet tal-istess eżekutant huma bix-xieraq u biżżejjed imħarsa bis-saħħa tal-Mandat ta’ Inibizzjoni numru 901/02; (b) tikkundanna lill-eżekutant iħallas penali għall-finijiet tal-artikolu 836(8)(d) tal-istess Kodiċi; u (ċ), f’każ li l-Qorti ma jidhrilhiex li għandha tilqa’ t-talba għat-tħassir tal-imsemmija Mandati, torbot lill-eżekutant biex, fiż-żmien qasir li jogħġobha tagħtih, iressaq garanzija xierqa għall-finijiet tal-artikolu 838A tal-istess Kodiċi, fin-nuqqas ta’ liema garanzija tħassar il-Mandati msemmija;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-eżekutant Paul Caruana fl-1 ta’ Diċembru, 2004, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqa’ għat-talbiet billi, preliminarjament, qal li r-rikors ma jiswiex għaliex ma tressaqx quddiem dik il-Qorti li qiegħda tisma’ l-kwestjoni fil-mertu, imma arbitrarjament tressaq quddiem qorti b’riferenza għal bosta Mandati li qegħdin iħarsu l-pretensjonijiet differenti tal-istess esekutant f’aktar minn kawża waħda li għadhom qegħdin jinstemgħu kontra l-

eżekutat. Fil-mertu, laqa' billi qal li l-eżekutat ma jistax joffri b'garanzija xierqa l-ġid miżmum fil-Mandat ta' Inibizzjoni, ladarba naqas li mqar juri x'jiswa dak il-ġid u jekk huwiex mgħobbi b'xi ipoteki jew djun li jniżżlu l-valur tiegħu. Laqa' wkoll għat-talbiet għall-kundanna għall-ħlas tal-penali u għall-għoti ta' garanzija;

Rat id-degriet tagħha tal-4 ta' Frar, 2005, li bih u fuq talba magħmula mill-eżekutat b'rikors tiegħu tal-11 ta' Jannar, 2005, ordnat li jsiru l-bidliet mitluba fl-atti tar-rikors għall-finijiet tal-artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet ix-xhieda tar-rikorrent eżekutat;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-eżekutat Gaerty fit-23 ta' Frar, 2005[1];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-eżekutant Caruana fl-24 ta' Frar, 2005[2], bi tweġiba għal dik tal-eżekutat;

Semgħet is-sottomissjonijiet ulterjuri tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tar-rikors u tal-Mandati li għalihom jirreferi;

Rat id-degriet tagħha tal-1 ta' Marzu, 2005, li bih ħalliet ir-rikors għall-provvediment;

1 Paġġ. 118 sa 128 tal-atti
2 Paġġ. 129 sa 133 tal-atti

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija proċedura taħt l-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta maħsuba biex l-eżekutat jitlob it-tħassir, għal kollox jew f'biċċa minnhom, ta' diversi Mandati kawtelatorji li l-eżekutant ħareġ kontra tiegħu fuq medda ta' żmien. Huwa jqis li, bis-saħħa ta' wieħed mill-istess Mandati maħruġin kontrih, inżamm ġid li jiswa biżżejjed biex jagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet li jista' jkollu l-eżekutant, u għalhekk, safejn inżamm ġid ieħor tiegħu fil-Mandati l-oħrajn maħruġa, dawk il-Mandati jistgħu jitħassru. Huwa jqis ukoll li ladarba l-eżekutant talab u kiseb il-ħruġ ta' bosta Mandati meta kien jaf li hemm miżmum ġid iżżejjed tal-eżekutat biex jagħmel tajjeb għall-aqwa pretensjonijiet tal-eżekutant, dan iwassal biex juri li l-Mandati nħarġu bi ħsieb ħażin, u għal għanijiet fiergħa u biex idejqu. Fl-aħħarnett talab ukoll li jekk kemm-il darba l-Mandati ma jitħassrux, għall-anqas l-eżekutant jintrabat bl-għoti ta' garanzija xierqa biex tagħmel tajjeb għad-danni u l-ispejjeż li huwa ġarrab minħabba li l-Mandati nżammu fis-seħħ;

Illi għal din l-azzjoni l-eżekutat laqa' fl-ewwel lok billi qanqal il-kwestjoni tas-siwi tar-rikors. Laqa' wkoll fil-mertu u ċaħad li huwa mexxa kontra l-eżekutat bi ħsieb ta' ħażen jew għal xejn b'xejn, u għalhekk ma hemm lok għall-ebda kundanna għall-ħlas tal-penali. Lanqas ma jaqbel li jeżistu l-kundizzjonijiet biex il-Qorti torbtu bil-garanzija mitluba;

Illi l-Qorti tibda biex tirrileva li, kif ukoll mistqarr mir-rikorrent fix-xhieda tiegħu[3], dwar il-Mandat ta' Sekwestru numru

[3] Xhieda tiegħu 9.2.2005, f'paġ. 114 – 5 tal-atti

2307/99[4] u kif ukoll dwar il-Mandat ta' Qbid numru 2308/99[5] diġa' ngħataw provvedimenti speċifiċi li bihom inċaħdu t-talbiet għat-tħassir ta' dawk il-Mandati. Tirrileva wkoll li r-raġuni ewlenija li fuqha l-eżekutat isejjes it-talba tiegħu għat-tħassir tal-Mandati hija l-garanzija li qiegħed joffri l-ġid miżmum bis-saħħa tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 901/02 maħruġ fis-26 ta' April, 2002. Minkejja li l-eżekutat kien ressaq rikors biex jitlob li jsiru xi tiswijiet fit-talbiet tar-rikors, ma kien semma xejn dwar it-talba tiegħu li jħassar ukoll l-imsemmi Mandat ta' Inibizzjoni numru 901/02. Jidher li l-eżekutat innifsu jipprova jiċċara din iċ-ċirkostanza fis-sottomissjonijiet tiegħu[6], iżda xorta waħda ma biddilx it-talba tiegħu għat-tħassir ukoll tal-imsemmi Mandat ta' Inibizzjoni. Għalhekk, il-Qorti qiegħda tifhem li ma jistax ikun li l-eżekutat qiegħed jitlob ukoll it-tħassir ta' dak l-istess Mandat li qiegħed jissemma bħala l-garanzija alternativa xierqa biex jistgħu jitħassru l-Mandati l-oħrajn;

Illi dwar il-fatt li fil-każ ta' wħud mill-Mandati l-eżekutat kien talab, mingħajr suċċess, it-tħassir tagħhom taħt kawżali partikolari maħsuba fl-artikolu 836(1) tal-Kap 12, ma jżommux milli aktar 'il quddiem jitlob mill-ġdid it-tħassir tal-istess Mandati **taħt kawżali oħrajn** imsemmija fl-imsemmi artikolu, jew **jekk ikun hemm bdil fiċ-ċirkostanzi**. Il-liġi ma żżommx milli jsir dan, bħalma żżomm milli jsir appell fejn talba għat-tħassir tal-Mandat tkun intlaqgħet[7]. Kieku l-leġislatur ried li jillimita intervent mill-ġdid dwar talba għat-tħassir ta' Mandat li tkun ġiet **miċħuda**, kienet tkun l-iżjed ħaġa ħafifa li jgħid daqstant espressament fil-liġi bħalma ipprovda fejn talba għat-tħassir tal-Mandat tkun intlaqgħet;

4 Fl-4.10.2002 fl-Atti tar-Rikors 331/01GC
5 Fl-20.3.2003 fl-atti tar-Rikors Nru. 1660/01NC
6 Ara § 2.2 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu, f'paġ. 123 tal-atti
7 Art. 836(5) tal-Kap 12

Illi, min-naħa l-oħra, huwa minnu li jkun għaqli li persuna eżekutata tagħmel talba sewwa mill-ewwel u tevita li toqgħod timmultiplika l-proċedura b'bosta rikorsi dwar l-istess Mandat. Madankollu, lanqas ma għandu jinżamm milli jitlob favurih il-ħarsien tal-liġi jekk kemm-il darba jirriżulta li l-eżekutant ikun irrikorra għal ħruġ ta' Mandati oħrajn jew, minkejja li l-Mandati diġa' maħruġin jikawtelaw b'aktar mill-meħtieġ il-pretensjonijiet tal-eżekutant, jibqa' jwebbes rasu biex iżomm il-Mandati kollha fis-seħħ;

Illi l-Qorti tifhem li din hija l-qagħda li wasslet lill-eżekutat Gaerty biex jitlob kollettivament it-tħassir ta' bosta Mandati, wara li nħareġ Mandat ta' Inibizzjoni li żammu milli b'xi mod ineħħi, jittrasferixxi jew jiddisponi b'xi mod b'att fost il-ħajjin, kemm jekk b'kunsiderazzjoni u kif ukoll jekk b'mod gratuwitu mill-ġid kollu tiegħu, partikolarment il-ġid li għandu fil-Madliena;

Illi l-Qorti sejra tgħaddi biex tqis **l-eċċezzjonijiet proċedurali mqanqlin mill-intimat eżekutant**. Fis-sewwa, dawn huma "eċċezzjoni" waħda b'żewġ aspetti. L-ewwel wieħed hu li l-eżekutant iqis li l-eżekutat messu ressaq din il-proċedura taħt ir-riferenza tal-kawża li l-Qorti qiegħda tittratta fil-mertu. It-tieni wieħed hu li l-eżekutat ressaq rikors dwar aktar minn Mandat wieħed u naqas li jgħid b'mod ċar liema mill-Mandat msemmija fl-"okkju" qiegħed jitlob it-tħassir tagħhom;

Illi l-Qorti jidhrilha li għandha tqis l-ewwel it-tieni aspett. Il-liġi ma żżomx persuna eżekutata b'aktar minn Mandat wieħed milli jressaq talba waħda għat-tħassir tagħhom u lanqas ma tgħid espressament li trid issir talba separata għal kull wieħed minnhom. F'dan ir-rigward, taqbel mas-sottomissjonijiet magħmulin mill-eżekutat fin-Nota tiegħu u ma tarax fejn tista' tkun ħaġa ħażina li proċedura waħda

tintuża biex tilħaq għan wieħed għal bosta talbiet, minflok għadd ta' proċeduri li jistgħu jagħtu lok għal provvedimenti li ma jaqblux ma' xulxin, jew għal talbiet biex id-diversi proċeduri jinġabu quddiem l-istess qorti biex tismagħhom kollha hi. Fuq kollox, ladarba l-"eċċezzjoni" hija waħda mibnija fuq nullita' ta' atti ġudizzjarji, it-tifsira li trid tingħata trid tkun waħda li żżomm mal-kliem espress tar-regoli proċedurali bla ebda twessigħ jew analoġija, u dejjem bi tħaddim tal-massima li fejn huwa possibbli u fejn ma ssirx ħsara lill-parti l-oħra[8], att ġudizzjarju jkun salvat;

Illi dwar l-ewwel aspett, il-Qorti wkoll ma taqbilx mal-fehma tal-eżekutant. Fl-ewwel lok, il-liġi ma tgħid xejn dwar l-istesura tal-"okkju" fi proċedura taħt l-artikolu 836. Il-ħasra qiegħda f'daqshekk, għaliex mhux darba jew tnejn tressqu rikorsi taħt dan l-artikolu fejn, xi mindaqqiet, issir riferenza għall-kawża u fejn xi drabi oħra ssir riferenza għall-Mandat li jkun intalab it-tħassir tiegħu. Dan in-nuqqas espress tar-rieda tal-liġi jaf joħloq – kif fil-fatt ħalaq f'bosta każijiet – taħwid fir-riferenzi tal-proċeduri nfushom u wkoll fl-amministrazzjoni tal-proċessi u t-tmexxija u ż-żamma tal-atti tal-Qorti. B'daqshekk, ma jfissirx li l-għażla ta' sura waħda jew oħra tissarraf fit-teħid ta' proċedura ħażina jew twassal għat-tħassir tal-att li jkun. Kemm xejn ma għandux jingħad li ladarba l-għan ewlieni fil-proċedura taħt l-artikolu 836 huwa dak li jinħareġ kontro-mandat[9], ikun jidher aktar għaqli li r-rikors jagħmel riferenza għall-Mandat jew Mandati li tiegħu jew tagħhom jintalab it-tħassir milli tissemma l-kawża li tkun qiegħda tistħarreġ il-mertu tal-kwestjoni. Fit-tieni lok, jidher li l-kelma "qorti" fl-artikolu 836(1) m'għandhiex tibqa' titfisser b'riferenza għall-ġudikant partikolari, iżda għall-Qorti li jkollha l-kompetenza li tisma' l-kawża u li tqis is-siwi tal-Mandat skond il-valur tal-kreditu pretiż. Ma hemmx dubju li jkun aktar għaqli li l-kwestjoni dwar it-tħassir tal-mandat tinstema' mill-istess ġudikant li jkun qiegħed iqis il-mertu tal-kawża,

[8] Art. 789(1)(ċ) tal-Kap 12
[9] Ara Formola 19 fl-Iskeda B tal-Kap 12 (art. 1007)

iżda dan mhux dejjem jista' jkun possibbli jew saħansitra prattiku[10];

Illi għalhekk, il-Qorti m'hijiex qegħda tilqa' l-preġudizzjali tan-nullita' tal-att imqanqla mill-eżekutant;

Illi minn dak li jirriżulta mill-fatti tal-każ li sa mill-1998, l-eżekutant u l-eżekutat bdew jitqabdu fi kwestjoni marbuta mat-twettiq u s-siwi ta' kitba ta' ftehim li kien sar bejniethom f'Ġunju tal-1997 dwar trasferiment ta' negozju u l-ħlasijiet marbutin ma' dak it-trasferiment. Fit-23 ta' Frar, 1998, l-eżekutant fetaħ kawża kontra l-eżekutat[11]. F'Marzu tal-1998, l-eżekutant ħareġ tliet (3) Mandati kontra l-eżekutat biex jikkawtela l-pretensjonijiet tiegħu fl-imsemmija kawża. Dawn tħassru b'degriet tas-16 ta' April, 1999[12], wara talba li kienet saret mill-eżekutat Gaerty b'rikors tiegħu tas-7 ta' April, 1998. Fis-7 ta' Mejju, 1999, l-eżekutant ħareġ żewġ Mandati oħrajn, wieħed ta' Sekwestru[13] u l-ieħor ta' Qbid[14]. Huwa iġġustifika t-talba tiegħu għall-ħruġ tagħhom għall-finijiet tal-artikolu 836(5) tal-Kodiċi minħabba "ċirkostanzi ġodda". Talbiet magħmulin mill-eżekutat b'rikors tiegħu tas-7 ta' Marzu, 2001, għat-tħassir taż-żewġ Mandati ma ntlaqgħux b'degrieti mogħtijin rispettivament fl-4 ta' Ottubru, 2002[15] u fl-20 ta' Marzu, 2003[16];

Illi fit-8 ta' Frar, 2001, l-eżekutant ħareġ Mandat ta' Sekwestru[17] ieħor kontra l-eżekutat għas-somma ta' Lm 300,000. Dan il-Mandat inħareġ biex iħares il-pretensjonijiet

---

[10] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **26.6.2009** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***John Patrick Hayman et vs Edmond Espedito Mugliette et***
[11] Ċitazz. Nru. 369/98NA
[12] Paġġ. 12 – 3 tal-atti
[13] 2307/99LM (Dok "B", f'paġġ. 15 u 25 tal-atti )
[14] 2308/99NS (Dok "Ċ", f'paġġ. 27 sa 32 tal-atti)
[15] Paġġ. 21 – 4 tal-atti
[16] Paġġ. 43 – 5 tal-atti
[17] 267/01LM (Dok "D", f'paġġ. 47 sa 52 tal-atti)

tal-istess eżekutant fl-att ta' kawża oħra li huwa fetaħ kontra l-eżekutat[18];

Illi fis-26 ta' April, 2002, l-eżekutant talab u kiseb il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni (fejn it-talba teċċedi Lm 4,000)[19]. Dan il-Mandat inħareġ biex iħares il-pretensjonijiet tal-eżekutant dwar il-kawża 369/98 fuq imsemmija. Il-Mandat jimmira li jżomm lill-eżekutat milli jbigħ, jew b'xi mod ieħor jeħles mill-ġid tiegħu, u jagħmel riferenza partikolari għall-ġid li l-eżekutat għandu fi Triq il-Fortizza, Madliena. L-eżekutat kien kiseb dak il-ġid mingħand il-miżżewġin Arrigo b'kuntratt tal-21 ta' Mejju, 1999[20] għas-somma ta' Lm 160,000. Bis-saħħa ta' garanzija solidali għall-obbligazzjoni ewlenija tal-ġenituri tiegħu lejn terza persuna, l-eżekutat rabat l-imsemmi ġid darbtejn b'kuntratt tat-22 ta' Mejju, 2002[21] u b'ieħor tal-20 ta' Marzu, 2003[22], f'somma li b'kollox tlaħħaq Lm 120,000. Dawn iż-żewġ rabtiet seħħew wara li kien inħareġ il-Mandat. Fil-21 ta' Novembru, 2003, l-eżekutant talab il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ieħor[23] biex iżomm lill-eżekutat milli jittrasferixxi l-ishma li kellu f'ismu f'kumpannija kummerċjali. Dan il-Mandat ukoll isemmi li qiegħed jintalab b'ħarsien tal-pretensjonijiet tiegħu fl-istess kawża fuq imsemmija;

Illi fl-10 ta' Novembru, 2004, tressaq ir-rikors tal-lum;

Illi l-Qorti issa sejra tgħaddi biex tqis l-aspetti ta' dritt li jsawru l-każ u dan skond il-kawżali speċifiċi tal-liġi li fuqhom ir-rikorrent isejjes it-talbiet tiegħu. Qabel xejn, għandu jingħad li dak li l-Qorti trid tasal għalih f'din il-proċedura m'għandu bl-ebda mod jitqies li jkun qiegħed isir xi ġudizzju fil-mertu

[18] Ċitazz. Nru. 1942/98AJM maqtugħa fl-14.12.2001 (sentenza finali li saret ġudikat)
[19] 901/02 (Dok "E", f'paġġ. 54 – 8 tal-atti)
[20] Insinwa f'paġ. 100 tal-atti
[21] Nota ta' Iskrizzjoni f'paġ. 98 tal-atti
[22] Nota ta' Iskrizzjoni f'paġ. 99 tal-atti
[23] 2095/03 (Dok "F", f'paġġ, 60 sa 75 tal-atti)

dwaru. L-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv[24];

Illi r-rikorrent isemmi tliet kawżali li dwarhom jistenna li t-talbiet tiegħu jiġu meqjusa:

A) <u>L-eżistenza ta' garanzija xierqa oħra biex tagħmel tajjeb għall-pretensjoni ta' min talab il-ħruġ tal-Mandat</u> [Art. 836(1)(ċ)]. Ir-rikorrenti jgħid li din il-garanzija alternativa għall-pretensjonijiet tal-intimat eżekutant tinsab fil-ġid li nżamm milli jitrasferixxi bis-saħħa tal-ewwel Mandat ta' inibizjoni li l-eżekutant ħareġ kontrih;

Illi huwa aċċettat li t-tiftix tal-garanzija xierqa għall-finijiet ta' din id-dispożizzjoni tal-liġi jrid isir fi ħdan l-istess eżekutat, ukoll jekk tali garanzija hija kostitwita "bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor". Huwa wkoll mistenni li l-garanzija offerta tkun magħmula minn "assi żguri" li ma jistgħux ikunu kapriċċożament jew arbitrarjament manipulati mill-parti eżekutata jew minn terzi bi ħsara tal-parti eżekutanti[25]. Il-ġid garanti jrid ukoll ikun tali li, f'każ li l-eżekutant ikollu jdur għalih biex jesegwixxi l-pretensjoni tiegħu[26], dak il-ġid ikun disponibbli u rejalizzabbli[27]. Fil-każ ta' ġid immobbiljari, l-garanzija trid taħseb ukoll għall-fatt li, minbarra xi djun li jkunu jgħabbu lil dak il-ġid, il-bejgħ tiegħu bi proċess ġudizzjarju jaf ikun bi prezz sostanzjalment anqas mill-valur li jinġieb li kieku dak il-ġid jinbiegħ skond il-mixja tas-suq[28];

---

[24] Kumm GMA**23.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Ħili et Dr. Joselle Farruġia noe et*** (mhix pubblikata)
[25] P.A. TM **18.9.2002** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***John Żarb vs Port Cottonera Ltd***
[26] P.A. TM **5.6.2003** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Emanuel Sammut et vs Josephine Sammut***
[27] P.A. TM **20.3.2003** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Ranger Company Ltd vs Euro Imports Ltd***
[28] P.A. TM **13.1.2004** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Maltese Cross Company Ltd vs Mark Schembri et***

Illi f'dan il-każ, l-eżekutat jisħaq li l-ġid milqut bil-Mandat ta' Inibizzjoni maħruġ kontrih f'April tal-2002 jiswa aktar minn biżżejjed biex jagħmel tajjeb għall-ogħla pretensjonijiet li l-eżekutant jista' jippretendi fil-kawża partikolari li huwa għandu kontrih u li dwarha nħarġu l-istess Mandati. L-eżekutat ressaq provi dwar is-siwi tal-ġid tiegħu[29] u xehed dwar il-piżijiet u djun li hemm fuqha[30]. Il-Qorti tagħraf ukoll li l-istimi maħruġin fuq talba tal-eżekutat huma dawk li huma u ma jikkostitwixxu l-ebda rabta għal dak li jgħidu. Tqis ukoll ix-xejriet tas-suq fejn jidħol il-bejgħ tal-ġid immobbli. Iżda hemm fatturi li juru li l-ġid miżmum bil-mandat m'huwiex ġid li wieħed iwarrab kif ġieb u laħaq, u dan ukoll jekk wieħed iqis id-daqs u l-inħawi fejn jinsab;

Illi meta wieħed iqabbel il-pretensjonijiet imsemmija mill-eżekutant fil-ħruġ tal-Mandati ma' dak li jiswa l-ġid tal-eżekutat (ukoll jekk wieħed inaqqas minnu l-ipoteki speċjali li laħqu ġew reġistrati fuq dak il-ġid), u meta wieħed iqis li l-Mandati kollha jirreferu għall-pretensjonijiet tal-eżekutant fl-atti tal-istess kawża (jiġifieri Ċitazz. 369/98JRM), il-Qorti tasal għall-fehma li ntwera ċar u biżżejjed mad-daqqa t'għajn li l-ġid kollu miżmum bis-saħħa tal-ewwel Mandat ta' Inibizzjoni għandu jservi ta' garanzija tajba biżżejjed biex tħares il-pretensjonijiet tal-eżekutant fl-imsemmija kawża;

Illi l-Qorti tasal ukoll għall-imsemmija fehma fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 874 tal-Kodiċi tal-Proċedura kif issa fis-seħħ. Dan qiegħed jingħad għaliex bħala fatt ġara li, minkejja l-ħruġ tal-ewwel Mandat ta' Inibizzjoni, l-eżekutat xorta waħda għabba l-ġid b'ipoteki speċjali favur terzi. Il-Qorti tasal biex tqis li l-eżekutat ma għamilx dan bi sfida għall-ordni tal-mandat, imma għaliex tassew ma kienx ġie

[29] Dokti "WP1" f'paġġ. 91 – 3 tal-atti
[30] Xhieda tiegħu 11.1.2005, f'paġġ. 111 – 2 tal-atti

notifikat b'dak il-Mandat[31]. Issa jidher li meta nħareġ il-Mandat l-artikolu relattiv tal-liġi dwar dik l-għamla ta' Mandat kien iżomm lill-parti eżekutata biss milli tbigħ, tittrasferixxi jew taljena l-ġid tagħha. Li kieku l-liġi baqgħet ma nbidlitx, din il-Qorti ma kien ikollha l-ebda dubju biex tgħid li Mandat bħal dak ma jkun tal-ebda garanzija għall-pretensjonijiet tal-eżekutant, għaliex – kif intwera f'dan il-każ – il-parti eżekutata setgħet tibqa' tgħabbi l-ġid miżmum bi djun friski li jġibu fix-xejn il-valur tal-istess ġid. Iżda minħabba bidliet fil-liġi li seħħew fiż-żmien li kien qiegħed jinstema' dan ir-rikors[32], illum il-ġurnata debitur eżekutat f'Mandat bħal dak ma jistax lanqas joħloq piżijiet jew drittijiet rejali jew personali fuq dak il-ġid hekk miżmum;

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li fuq din il-kawżali ngħatat raġuni tajba biżżejjed biex tqis li tħassar il-Mandati u tħalli fis-seħħ biss il-Mandat ta' Inibizzjoni 901/02, billi dan jagħti l-garanzija alternativa xierqa lill-eżekutant, u sakemm ma jintweriex li l-eżekutat xorta waħda għabba l-ġid miżmum b'dak il-Mandat b'xi piżijiet jew djun oħrajn f'xi żmien wara li tressqu l-aħħar provi f'dan ir-rikors;

B) <u>Jekk il-garanzija mogħtija titqies mill-Qorti li tkun biżżejjed</u> [Art. 836(1)(e)]. Dwar din il-kawżali, l-Qorti tirreferi għall-fehmiet u l-konklużjoni li għadha kemm laħqet fil-kawżali minnufih qabel din;

Illi għalhekk, il-Qorti tqis li wkoll taħt din il-kawżali tista' tilqa' l-ewwel talba tal-eżekutat;

[31] Xhieda tiegħu 9.2.2005, f'paġġ. 114 – 5 tal-atti
[32] Bis-saħħa tal-art 102 tal-Att XIV tal-2006

Ċ) Jintwera li fiċ-ċirkostanzi m'huwiex raġonevoli li l-mandat jinżamm fis-seħħ jew li huwa ġustifikabbli [Art. 836(1)(f)]. Dwar din il-kawżali, u minħabba l-fehmiet murija fiż-żewġ kawżali ta' qabel, il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha għalfejn ittawwal, għaliex fejn ikun hemm raġuni tajba biex mandat jitħassar jew fejn ikun hemm garanzija oħra tajba biex tħares il-pretensjonijiet tal-eżekutant, joħroġ waħdu li ż-żamma fis-seħħ ta' xi mandat ma tkun la raġonevoli u lanqas ġustifikabbli fiċ-ċirkostanzi;

Illi l-Qorti tirrileva wkoll, b'riferenza għall-Mandat ta' Sekwestru 367/01, li ladarba dan inħareġ speċifikatament biex iħares il-pretensjonijiet tal-eżekutant taħt kawża li ilha maqtugħa sa minn Diċembru tal-2001, din ukoll hija raġuni għaliex iż-żamma fis-seħħ ta' tali mandat issir waħda irraġonevoli[33];

Illi fuq dan il-mottiv ukoll, il-Qorti ssib li r-rikorrent taha raġuni tajba biex tħassar il-Mandati in kwestjoni;

Illi r-rikorrent eżekutat talab ukoll ir-rimedju tal-kundanna tal-intimat eżekutant għall-ħlas ta' penali[34] u tal-għoti tal-garanzija[35];

Illi dwar il-kwestjoni tal-għoti ta' garanzija xierqa, ladarba l-Qorti sabet li hemm raġuni tajba biex tordna t-tħassir tal-mandati, u ladarba l-għoti ta' garanzija taħt l-artikolu 838A hija espressament mogħtija biss bħala rimedju alternative fejn it-talba għat-tħassir tal-mandat(i) ma tintlaqax, m'hux il-każ li l-Qorti tipprovdi dwar din it-talba;

33 Art. 838B tal-Kap 12
34 Taħt l-art. 836(8) tal-Kap 12
35 Taħt l-art 838A tal-Kap 12

Illi dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltativa. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultativa, irid jintwera għas-sudisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi[36]. F'dan il-każ, l-eżekutat jirreferi għall-każ maħsub taħt l-artikolu 836(8)(d) tal-Kap 12, jiġifieri fejn it-talba tal-parti għall-ħruġ tal-Mandat kienet waħda malizzjuża, fiergħa jew sempliċement biex iddejjaq;

Illi din iċ-ċirkostanza r-rikorrent jibniha fuq l-allegazzjoni li l-ħażen tal-intimat eżekutant joħroġ mill-fatt li kien ħareġ mandat wara l-ieħor minkejja li kien seħħlu jaqbad jew iżomm ġid aktar minn biżżejjed biex iħares il-pretensjonijiet tiegħu, u wkoll fuq il-fatt li nqeda bil-Mandat biex jagħmel pressjoni jew rikatt fuq l-eżekutat. Il-Qorti tqis li biex wieħed jara jekk hux tassew li ntuża l-ħażen jew il-ħsieb kattiv għall-ħruġ ta' Mandat jingħad biss li dan ifisser li l-proċedura meħuda fil-ħruġ tal-Mandat trid tkun waħda ta' abbuż mid-dritt li wieħed jadixxi għall-Qorti għar-rimedju[37];

Illi hawnhekk il-Qorti tara li jgħodd ħafna l-kliem ta' din il-Qorti (diversament presjeduta) f'deċiżjoni[38] mogħtija f'każ bħal dan fejn ingħad li l-ħruġ ta' Mandat kawtelatorju wara li l-kreditur ikun diġa ħareġ mandat jew mandati oħrajn (fejn il-kreditu tiegħu jkun ġie kopert biżżejjed) hu għamil li l-liġi trid tevita. Dan għaliex "il-Mandati kawtelatorji qegħdin hemm biex

[36] Ara P.A. TM **13.3.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Cole Foods Ltd. vs Euro Imports Ltd.***
[37] Ara, per eżempju, Kumm. **24.1.1895** fil-kawża fl-ismijiet ***Denaro vs Page noe*** (Kollez. Vol: **XV.34**); u P.A. RCP **31.5.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Cammast Ltd. vs Joseph E. Gauċi et***
[38] P.A. TM **5.6.2003** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Emanuel Sammut et vs Josephine Sammut*** (Rik. Nru. 1094/02)

iservu ta' tarka għal min jippretendi li hu kreditur, pero' m'għandhomx jintużaw bi skop li jweġġgħu jew ipattu aktar milli (biex) jikkawtelaw. Anke jekk id-diversi Mandati li tipprovdi l-liġi jinħarġu kontestwalment, hu dmir tal-kreditur li jsegwi l-effetti tal-Mandati u jekk jara li ġie kawtelat aktar milli meħtieġ, hu stess għandu jieħu l-inizjattiva biex jitlob it-tħassir ta' dawk il-Mandati 'żejda'". F'dan il-każ, ġara li l-eżekutant ħareġ iżjed minn Mandat wieħed fuq medda ta' madwar ħames snin;

Illi madankollu, l-fatti f'dan il-każ jikxfu rejalta' oħra. Bil-Mandati kollha li l-eżekutant kien laħaq ħareġ saż-żmien qabel ħareġ l-ewwel Mandat ta' Inibizzjoni, ma kienx seħħlu jżomm ġid tal-eżekutat f'valur biżżejjed biex jagħmel tajjeb għas-somma pretiża fl-istess Mandati (jiġifieri s-somma ta' Lm 300,000). Dan minbarra l-fatt li l-eżekutat – kif kien fil-jedd tiegħu li jipprova jagħmel – kien ressaq sensiela ta' talbiet biex jikseb it-tħassir tal-istess mandati. Għalhekk, it-talba tal-eżekutant għall-ħruġ tal-ewwel Mandat ta' Inibizzjoni ma tidhirx mad-daqqa t'għajn li saret minkejja l-għarfien li l-pretensjonijiet tiegħu kienu diġa' mħarsin biżżejjed, imma, għall-kuntrarju, saret fl-għarfien li l-ġid miżmum kien ta' valur anqas mill-kreditu pretiż. F'ċirkostanza bħal din, il-fatt li kreditur eżekutant jittanta jitlob il-ħruġ ta' aktar minn Mandat wieħed kontra d-debitur tiegħu ma jidhirx li jista' jitqies bħala għamil b'ħażen jew għal raġuni fiergħa;

Illi dwar it-tieni Mandat ta' Inibizzjoni maħruġ fuq l-ishma tal-eżekutat fl-2003, din il-Qorti tqis li lanqas hawn ma jista' jingħad li dak il-ħruġ sar b'ħażen jew għal raġuni fiergħa jew vessatorja, meta wieħed iqis li d-degriet li laqa' t-talba għall-ħruġ ta' dak il-Mandat ingħata wara li saħansitra kien sar smigħ mill-Qorti u tressqu sottomissjonijiet mill-partijiet;

Illi għalhekk, il-Qorti, f'dan l-istadju u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet diġa' magħmula iżjed 'il fuq, tasal għall-fehma li ma jirriżultawx iċ-ċirkostanzi għall-impożizzjoni tal-penali minħabba l-ħruġ tal-Mandat. F'dan il-każ, il-Qorti sejra timxi wkoll fuq il-massima li l-bona fede hija preżunta u li l-ħażen irid jiġi ippruvat[39];

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tipprovdi dwar ir-Rikors tar-rikorrent eżekutat billi:

Filwaqt li **tiċħad l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet** tal-intimat eżekutant Caruana bħala mhux mistħoqqa fid-dritt;

**Tilqa' limitatament l-ewwel talba** tar-rikorrent eżekutat Gaerty u tordna t-tħassir tal-mandat ta' Sekwestru numru 2307/99, tal-Mandat ta' Qbid numru 2308/99, tal-Mandat ta' Sekwestru numru 367/01, u tal-Mandat ta' Inibizzjoni 2095/03. B'dan illi l-Mandat ta' Inibizzjoni numru 901/02 għandu jibqa' fis-seħħ kif inhu;

**Tiċħad it-tieni talba** tar-rikorrent eżekutat Gaerty billi ma jeżistux iċ-ċirkostanzi biex tikkundanna lill-eżekutant għall-ħlas tal-penali maħsuba fl-artikolu 836(8) tal-Kap 12;

**Tastjeni milli tqis it-tielet talba** ladarba ntlaqgħet l-ewwel talba; u

**Tordna** li kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha.

---

[39] Ara, per eżempju, App. Ċiv **7.7.1920** fil-kawża fl-ismijiet ***Miller Blacker pro et noe vs Howard*** (Kollez. Vol: **XXIV.i.554**)

Mogħti kameralment illum, l-10 ta’ Settembru, 2009.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------